# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 146/2006 BS**

**L-Avukat Georgine Grech għan-nom tal-imsiefra Carmela Buttigieg, kif debitament awtorizzata.**

**-vs-**

**Carmel Buttigieg**

*Sentenza Parzjali*

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi *noe*[1] illi ppremettiet:**

ILLI r-rikorrenti Carmela Buttigieg nee' Sultana u l-intimat Carmel Buttigieg iżżewġu lil xulxin fl-għaxara (10) ta' Ottubru elf disa' mija u sebgħin (1970);

[1] Rik. Gur a fol 1 sa 3.

ILLI matul iż-żwieġ tagħhom kienet topera bejniethom f'Malta l-komunjoni ta' l-akkwisti [sic];

ILLI l-partijiet ittrasferew irwieħhom lejn l-Awstralja u stabbilew ir-residenza tagħhom hemmhekk;

ILLI huma sseparaw fl-ewwel (1) ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) u ġie dikjarat ukoll id-divorzju taż-żwieġ ta' bejniethom permezz ta' deċiżjoni tal-*Family Court of Australia* f'Parramatta mogħtija fl-għoxrin (20) ta' Ottubru elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989);

ILLI l-partijiet baqgħu qatt ma rregolaw id-diviżjoni tal-komunjoi ta' l-akkwisti [sic] bejniethom f'Malta;

ILLI għalhekk il-konsistenza ta' l-istess [sic] komunjoni baqgħet u għadha proprjetà tal-partijiet flimkien u ndiviżament bejniethom;

ILLI r-rikorrenti ma tridx tibqa' iktar fi stat ta' komunjoni ma' l-intimat [sic], u minkejja diversi interpellazzjonijiet, l-intimat naqas milli jersaq għad-diviżjoni relattiva għall-istess;

ILLI l-esponenti taf dawn il-fatti kollha personalment.

**Talbet għalhekk lill din il-Qorti:**

i. Tillikwida l-konsistenza tal-komunjoni ta' l-akkwisti [sic] ġia' eżistenti f'Malta bejn ir-rikorrenti Carmela Buttigieg u Carmel Buttigieg;

ii. Taqsam u tiddividi l-assi riżultanti;

iii. Taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' diviżjoni f'dik id-data, ħin u lok li jiġu ffissati minn din il-Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinħatru sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi;

iv. Kemm 'il [sic] darba l-beni li għandhom jiġu diviżi jirriżultaw li ma humiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, tordna l-bejgħ tagħhom b'liċitazzjoni u r-rikavat jiġi pperċepit mill-kontendenti fil-kwoti rispettivi.

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri [sic] interpellatorji datati 13 ta' Frar 2006, 5 ta' Ġunju 2006, 23 ta' Awwissu 2006, 2 ta' Novembru 2006 u tal-ittra uffiċjali numru 416/2006.

**Rat ir-risposta tal-konvenut[2] li permezz tagħha eċċepixxa:**

1. ILLI preliminarjament l-inkompetenza ta' din l-Onorbabbli Qorti stante illi jekk si tratta ta' xoljiment ta' komunjoni ta' l-akkwisti [sic], u likwidazzjoni ta' l-istess [sic] din il-kawża kellha issir quddiem din il-Qorti, però fil-kompetenza tagħha ta' Sezzjoni tal-Familja;

2. ILLI fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost ukoll fuq linea preliminari l-attriċi ma tistax titlob din ix-xoljiment u likwidazzjoni tal-kumunjoni ta' l-akkwisti qabel ma tirreġistra d-divorjzu minnha ottenut skond [sic] il-proċedura nostrana. Illi difatti kemm il-darba [sic] dan id-divorjzu għadu m'huwiex reġistrat f'Malta, dak iż-żwieġ ċelebrat f'Malta għadu fis-seħħ u għaldaqstant ma tistax tintalab likwidazzjoni tal-kuminjoni ta' l-akkwisti mingħajr ma tintalab separazzjoni personali u dan sakemm divorzju minn Qorti barranija jkun għadu ma ġiex reġistrat f'Malta. Għaldaqstant fin-nuqqas ta' tali reġistrazzjoni din il-kawża hija proċedoralment nulla u monka u l-eċċepjenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

3. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost ma hemm xejn x'jinqasam u x'jiġi likwidat bejn il-kontendenti stante illi l-attriċi diġà ħadet sehemha minn assi illi kellha l-istess komunjoni;

4. ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost kemm il-darba [sic] jista' jirriżulta illi hemm xi beni jista' trid pruvata l-konsistenza ta' l-assi [sic] u jrid jiġi segregat dak li hu parafernali minn dak li jista' jkun tal-komunjoni;

5. ILLI din ir-risposta qed issir u qed tiġi ikkonfermata bil-ġurament minn Carmel Buttigieg li għandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in eċċezzjoni;

[2] Risposta ġuramentata a fol 10 u 11.

6. ILLI d-domandi attriċi huma [i]nfondati fid-dritt u fil-fatt.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes [sic] kollha u bl-inġunzjoni ta' l-attriċi nomine minn issa għas-subizzjoni.

**Fliet l-atti.**

**Rat** li fl-udjenza tat-13 ta' Marzu, 2007 il-kawża ġiet iddifferita għat-trattazzjoni dwar l-eċċezzjoni preliminari.[3]

**Rat** li wara li saru noti tal-osservazzjonijiet minn kull parti dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari,[4] ingħatat deċiżjoni parzjali minn din il-Qorti diversament presjeduta[5] nhar il-21 ta' Mejju, 2008 fejn ġie deċiż li stante li fil-kawża odjerna ma' saret ebda talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti stante li din l-istess kienet diġa ġiet itterminata bid-deċiżjoni tal-*Family Court Division* tal-20 ta' Ottubru, 1989 meta nħall iż-żwieġ bejn il-kontendenti u anqas qed tintalab is-separazzjoni personali imma ntalbet biss il-likwidazzjoni u diviżjoni tal-beni posseduti in komun bejn il-partijiet; m'hemm ebda ostaklu sabiex din il-Qorti tkompli tieħu konjizzjoni tat-talbiet odjerni. B'hekk ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenut u l-kawża tħalliet għal-kontinwazzjoni.[6]

**Rat** li mid-deċiżjoni parzjali tal-21 ta' Mejju, 2008 sar appell mill-konvenut nhar it-2 ta' Ġunju, 2008.[7]

**Rat** id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar it-2 ta' Lulju, 2010 li biha l-appell tal-konvenut ġie dikjarat irritu u null bl-atti ġew rinvijati lura lill din il-Qorti għall-kontinwazzjoni.[8]

---

[3] Verbal a fol 12. Aktar tard, fil-verbali tal-udjenzi tat-23 ta' Ottubru, 2007 – a fol 13 – u tas-6 ta' Diċembru, 2007 – a fol 14 – ġie kjarifikat li t-trattazzjoni kellha tkun dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari.

[4] Nota tal-attriċi *noe* a fol 18 sa 20 u nota tal-konvenut a fol 21 sa 23.

[5] Deċiżjoni parzjali numru 146/2006 PC.

[6] Kopja tad-deċiżjoni parzjali a fol 25 sa 29.

[7] Rikors tal-appell a fol 39 sa 43. Risposta tal-appellata *ivi* attriċi a fol 45 sa 49.

[8] Kopja tad-deċiżjoni tal-appell a fol 59 sa 63.

**Rat** li fl-1 ta' Ottubru, 2010 sar rikors għar-ritrattazzjoni mill-konvenut.[9]

**Rat** li r-rikors ta' ritrattazzjoni tal-konvenut ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Settembru, 2011 billi ġie miċħud.[10]

**Rat** li l-attriċi ddikjarat il-provi tagħha magħluqa fit-2 ta' Ottubru, 2012.[11]

**Rat** id-digriet mogħti fit-28 ta' Mejju, 2021 dwar il-kontestazzjoni magħmulha mill-konvenut għall-affidavit tal-attriċi preżentat in atti bil-lingwa Ngliża u, skont il-konvenut, mingħajr id-debita konferma bil-ġurament tal-kontenut tiegħu.[12]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Settembru, 2021 l-avukat tal-għajnuna legali, difensur tal-konvenut, informa lill-Qorti li jista jagħti l-każ li l-konvenut m'huwiex f'qagħda ta' saħħa mentali idonja sabiex jifhem l-import ta' din il-kawża u anqas qiegħed jikkomunika miegħu.[13]

**Rat** li fl-udjenza tas-27 ta' Mejju, 2022 il-konvenut iddikjara l-provi tiegħu magħluqha.[14]

**Rat** li fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2023 l-attriċi talbet il-ħatra ta' perit tekniku sabiex jaċċedi fid-dar *"Australia House"*, Triq ta' Cordina, Għajnsielem, Għawdex u jhejji pjanta bi stima tal-istess.[15]

**Rat** in-nota tal-attriċi tal-14 ta' Marzu, 2023 li biha, u ai termini tad-digriet ta' l-1 ta' Marzu, 2023 eżebiet kopja awtentikata ta' kuntratt tal-11 ta' Ġunju, 1975 in atti Nutar Giuseppe Cauchi.[16]

**Rat** li fl-udjenza tal-21 ta' Ġunju, 2023, il-partijiet talbu lill-Qorti sabiex tgħaddi għad-deċiżjoni parzjali dwar jekk id-dar li kienet dik matrimonjali tifformax parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti

---

[9] Rikors a fol 66 u 67. Risposta tar-ritrattata *ivi* attriċi a fol 75 u 76.
[10] Deċiżjoni a fol 92 sa 96 – inkluz in verso pagina.
[11] Verbal a fol 110.
[12] Digriet a fol 174 sa 177. Id-digriet ma' laqax l-argumenti tal-konvenut iżda bih, il-Qorti ordnat lill-attriċi tipprezenta traduzzjoni awtentikata' tal-affidavit tagħha b'dan li fin-nuqaas kellu jigi sfilzat l-istess affidavit. It-traduzzjoni ġiet fil-fatt eżebieta b'nota tal-attriċi tal-4 ta' Ġunju, 2021 – nota a fol 179, traduzzjoni tal-affidavit tal-attriċi a fol 180 sa 184, u traduzzjoni tal-affidavit ta' bint il-partijiet Paula Buttigieg, a fol 184 sa 187.
[13] Verbal a fol 188.
[14] Verbal a fol 221.
[15] Verbal a fol 247 u 248.
[16] Nota a fol 260, kopja awtentikata ta' kuntratt ta' bejgħ a fol 261 sa 263.

laqgħat it-talba u akkordat għalhekk terminu għal-preżentata ta' noti tal-osservazzjonijiet dwar dan.[17]

**Rat** in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet dwar id-dar li kienet dak matrimonjali.[18]

**Rat** li b'digriet tal-20 ta' Diċembru, 2023 il-Qorti ordnat notifika ta' rikors tal-attriċi tat-23 ta' Ġunju, 2023 kontenenti talba għall-preżentazzjoni ta' dokument ulterjuri liema rikors kien għadu mhux notifikat lill-konvenut.[19]

**Rat** li tali notifika sehhiet tant li l-konvenut wieġeb billi għamel is-sottomissjonijiet tiegħu għar-rikors tal-attriċi tat-23 ta' Ġunju, 2023 verbalment fl-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2024.[20]

**Rat** li fl-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2024 il-kawża ġiet iddifferita għad-digriet kamerali dwar ir-rikors tal-attriċi tat-23 ta' Ġunju, 2023 kif ukoll għal-lum għas-sentenza.[21]

**Rat** li nhar it-28 ta' Frar, 2024 ingħata d-digriet kamerali dwar ir-rikors tal-attriċi tat-23 ta' Ġunju, 2023.

**Rat** li d-dokument mitlub mill-attriċi permezz tar-rikors tagħha tat-23 ta' Ġunju, 2023 kif akkordat bid-digriet tat-28 ta' Frar, 2024 ġie ppreżentat nhar it-18 ta' Lulju, 2024 b'nota tal-konvenut.[22]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti eżebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**B. Provi:**

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

[17] Verbal a fol 273 u 274.
[18] Nota tal-attriċi a fol 281 sa 289. Nota tal-konvenut a fol 290 sa 295.
[19] Digriet a fol 296
[20] Verbal mhux paginat.
[21] Verbal mhux paginat.
[22] Nota a fol 311. Kuntratt ta' diviżjoni tat-12 ta' Marzu, 1979 in atti Nutar Giuseppe Cauchi a fol 312 sa 326 inkluz in verso pagina.

**Carmela sive Carmen Buttigieg**, attriċi, xehdet permezz ta' affidavit.[23]

Tiddikjara li hija ltaqgħet mal-konvenut lejn Marzu, 1970. Iżżid li żżewġu fl-10 ta' Ottubru, 1970 l-Awstralja u sseparaw fl-1 ta' Jannar, 1988 biż-żwieġ tagħhom ġie dikjarat maħlul mil-Qorti tal-Familja tal-Awstralja nhar l-20 ta' Ottubru, 1989.

Tiddikjara li tul iż-żwieġ hi u l-konvenut kellhom is-segwenti proprjetajiet:

i. Dik li kienet id-dar matrimonjali jisimha *"Australia"* fi Triq ta' Cordina, Għajnsielem, Għawdex;

Dwar din id-dar, tgħid li meta hi u żewġha ġew Għawdex fl-1974 huma kellhom magħhom 4,000 Lira Awstraljana mill-liema selfu 1,000 lil ħu żewġha, Toni. Tgħid li Toni ma' setgħax iħallashom lura u għalhekk tagħhom 500 fi flus kontanti filwaqt li għar-rimanenti 500 iffirmalhom il-proprjeta' *"Australia"* fi Triq ta' Cordina, Għajnsielem, Għawdex li Toni kien wiret mingħand missieru. Iżżid li Toni iżda qaleb din il-proprjeta' biss fuq isem ħuh, il-konvenut stante li dakinhar hi kienet mat-tfal u ma' setgħetx tattendi għand in-nutar.

Iżżid li fuq l-istess proprjeta' *"Australia"* fi Triq ta' Cordina, Għajnsielem, Għawdex hi u l-konvenut bnew *unit* ieħor ta' żewġ sulari fl-1983.

ii. dgħajsa tas-sajd li hi u l-konvenut keinu xtraw flimkien minn Għawdex għal-valur ta' 2,020 Lira Awstraljana fl-1983;

iii. Mutur għall-istess dagħjsa tas-sajd li hu u l-konvenut xtraw flimkien għal 1,200 Lira Awstraljana fl-1983.

Tkompli billi tagħti lista ta' oġġetti li tgħid li xtraw flimkien hi u żewġha ossia *fridge* – mixtrija fl-1983; *freezer truck box* - mixtrija fl-1983; magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ – mixtrija fl-1983; forn tal-ellettriku - mixtri fl-1974; mejda b'sitt siġġijiet - mixtrija fl-1983; sett tat-televiżjoni – mixtri fl-1983, u; banju – mixtri fl-1983;

[23] Affidavit miktub bil-lingwa Ngliza a fol 99 sa 104. Traduzzjoni tiegħu a fol 180 sa 184.

Tgħid ukoll li tul iż-żwieġ hija xtrat żewġ magni tal-ħjata u set tas-sodda komplut.

Tgħid li hija kellha wkoll żewġ sodod ta' wieħed li xtrat meta waslet l-Awstralja fl-1967 mentri l-konvenut kellu sodda waħda ta' wieħed li kien xtara qabel iż-żwieġ.

Tiddikjara li kellhom ukoll sodda tat-trabi li ngħatat bħala rigal lilha minn ħuha u martu meta kellha l-ewwel tarbija, bank tal-kamra tal-ikel ta' 6 piedi li wkoll ingħata lilha bħala rigal mingħand ħuha u martu meta żżewġet, tlett bankijiet oħra tal-kamra tal-ikel ta' 3 piedi il wieħed li ngħataw lilha bħala rigal mingħand oħta meta zżewġet.

Tkompli b'lista ta' varji oġġetti relatati mal-kċina u l-kamra tal-ikel bħal platti u oġġetti simili. Iżżid ukoll diversi oġġetti tal-kmamar tas-sodda bħal kutri u lampi kif ukoll oġġetti relatati mat-tfal bħal roti u pupi iżda wkoll *pushchairs* u *prams*.

Iżżid ukoll li kien hemm varji ritratti.

Tgħid li l-oġġetti kollha li telenka jew inxtraw Malta jew inxtraw l-Awstralja u nġiebu Malta. Iżżid li lkoll imbagħad baqgħu Malta jew f'garaxx jew fid-dar li kienet dik matrimonjali inkluż il-*unit* ta' żewġ sulari li bnew fuqha.

**In kontro-eżami**, xehdet[24] li hija tiftakar meta l-konvenut qasam il-wirt tal-ġenituri tiegħu ma' ħutu. Tgħid li dakinhar hija kienet għadha miegħu. Iżżid li ma' kienitx iżda attendiet għall-kuntratt għand in-nutar.

Tgħid li dakinhar tad-diviżjoni ma' ħutu lill-konvenut messu sehemu bħal ħutu u sehem ħuh Toni li fuqu bnew id-dar matrimonjali tagħhom.

Tgħid li hi flimkien mal-konvenut lil ħu l-konvenut Toni silfuh 1,000 Lira. Iżżid li flus biex iħallashom lura ma' kellux u għalhekk tagħhom 500 Lira mentri għan-nofs l-ieħor għamel tajjeb b'sehemu mill-wirt.

Tgħid li hi ma' tafx li fuq il-kuntratt ta' diviżjoni l-konvenut ħa 500 Lira oħra.

[24] Traskrizzjoni a fol 254 sa 258.

Tgħid li Toni kellu jdawwar sehemu mill-wirt fuqhom għax kien għadu jafhom 500 Lira. Iżżid li meta marru għal dak il-kuntratt hi kienet bi tlett t'itfal żgħar u ma' ħaduhix magħhom.

Tgħid li hi u l-konvenut iltaqgħu Malta iżda żżewwġu l-Awstralja.

**Paula Buttigieg**, bint il-partijiet kontendenti, xehdet permezz ta' affidavit.[25]

Tiddikjara li l-ġenituri tagħha żżewġu fl-1970 u hija twieldet fl-1971. Iżżid li l-ġenituri tagħha sseparaw fl-1 ta' Jannar, 1988 biż-żwieġ tagħhom inħall mill-Qorti Awstraljana fl-20 ta' Ottubru, 1989.

Tikkonferma l-lista ta' oġġetti li ommha telenka bħala mixtrija minnha u mill-konvenut fiż-żwieġ. Iżżid li kien hemm ukoll xi għodda u l-ilbies tal-praċett.

Tgħid li f'Ottubru tal-1983 ommha u missiera bdew jibnu appartament ta' żewġ sulari fuq id-dar *"Australia"* fi Triq Cordina, Għajnsielem. Tgħid li ommha kienet qaltilha li d-dar kienet inbniet fuq art li huma xtraw mingħand zijuha Toni. Iżżid li huma għexu fl-appartament madwar sena u nofs sa ma nbniet id-dar prinċipali.

**In kontro-eżami**, xehdet[26] li meta l-ġenituri tagħha sseparaw hija kellha 16-il sena, b'illum għandha 'l fuq minn 50 sena.

Tgħid li huma bħala familja aktar għexu l-Awstralja milli Għawdex.

Tgħid li Għawdex ġew darbtejn; l-ewwel meta kellha xi 5 snin u kienet tattendi l-*kindergarten* Għawdex. Iżżid li wara xi snin marru lura l-Awstralja sa ma' reġgħu ġew it-tieni darba meta bdiet tattendi skola sekondarja f'Għawdex. Tgħid li wara dan reġgħet marret kompliet tistudja l-Awstralja.

[25] Affidavit miktub bil-lingwa Ngliża a fol 105 sa 107. Traduzzjoni tiegħu a fol 184 sa 187.
[26] Traskrizzjoni a fol 266 sa 272.

Tgħid li s-snin meta għexet Għawdex kienu l-1974 sa l-1975/76 u l-1983 sa l-1985. Iżżid li wara l-1985 reġgħu marru lura l-Awstralja fejn baqgħat u għadha.

Tgħid li l-istess kien għal ġenituri tagħha sakemm isseparaw u missiera ġie lura Għawdex.

Mistoqsija dwar l-appartament u d-dar prinċipali tgħid li fuq art fi Triq Cordina, Għajnsielem kien hemm sular fejn kien hemm kċina mentri fuq kien hemm il-kmamar tas-sodda.

Taqbel allura li kien hemm binja b'dan li huma komplew jibnu fuq l-istess. Iżżid li dak li bnew il-ġenituri tagħha kien l-appartament ta' żewġ sulari.

Tgħid li meta huma ġew jgħixu Għawdex bħala familja fl-1983 missiera rid li jgħixu Għawdex għal dejjem. Tgħid li minkejja dan flus ma' kienx hemm għax kull ma' kien jidhol f'*childrens allowances* mill-Awstralja kien imur favur il-bini tad-dar *"Australia House"* b'dan li huma kienu jiddependu mid-dħul tas-sajd.

Taqbel allura li l-ġenituri tagħha kienu qed jipprovaw jistabilixxu ruħhom hawn bid-deċiżjoni li jmorru lura l-Awtsralja kienet dettata l-aktar mill-edukażżjoni tagħhom ulied bnit tal-kopja.

Mistoqsija dwar il-lista ta' oġġetti li għamlet fl-affidavit tagħha u kif tiftakarhom tgħid li tiftakar għax dawn kienu f'garaxx Għajnsielem għal zmien twil sakemm l-istess infetaħ meta hija kellha 13-il sena.

Iżżid li fil-garaxx kien hemm kull ma' ġabu Għawdex ommha u missiera l-ewwel li ġew lura. Tgħid li fl-1983, it-tieni darba li ġew, kull ma' ġabu magħhom kienu żewġ kaxxi.

**Carmel Buttigieg**, xehed permezz ta' affidavit.[27]

Jiddikjara li wara li ssepara minn mall-attriċi huwa reġgħa żżewweġ u għandu tifel ieħor mit-tieni żwieġ tiegħu.

[27] Affidavit a fol 149.

Jgħid li hu u l-attriċi ħadu d-divorzju mill-Awstralja abbażi ta' adulterju da parti tal-attriċi.

Jgħid li safejn jaf hu l-attriċi ħadet kull ma' kellha tieħu tul il-proċeduri ta' divorzju. Jgħid li skont l-istess divorzju hi kellha tieħu kull ma' kien hemm l-Awstralja mentri hu kellu jieħu kull ma' kien jinsab Għawdex. Iżid li l-Awstralja kellhom dar li nbiegħet bir-rikavat ħaditu kollu l-attriċi. Jgħid li l-attriċi m'għandha xejn x'taqsam mad-dar *"Australia"* fi Triq ta' Cordina, Għajnsielem.

Jgħid li hu kellu ħuh, Toni, llum mejjet. Iżid li lil Toni kien selfu 1,000 Lira li ma' setgħax iħallsu lura. Jgħid li kien tah 600 lura bl-400 li kien fadallu jagħtih għamel tajjeb għalihom billi tah sehemu mill-wirt ta' missieru. Iżid li sehemu kien fil-fatt jiswa anqas minn 400 Lira iżda hu kkuntenta ruħu.

Jgħid li kienu marru għand in-Nutar Cauchi, in-Nadur, u għamlu kuntratt fil-11 ta' Ġunju, 1975 fejn ħuh iffirmalu sehemu mil-wirt ta' missierhom. Jgħid li l-attriċi kienet ħadet dak li ħuh kien tagħhom f'kontanti.

Jiddikjara li wara dan huwa qasam ma' ħutu b'kuntratt in atti Nutar Guzeppi Cauchi datat it-12 ta' Marzu, 1979 fejn hu deher għal żewġ ishma, dak oriġinali tiegħu u l-ieħor li kien akkwista mingħand ħuh Toni.

Jgħid li fil-qasam, għal sehem ħuh huwa ried flus peress li hu u l-attriċi xtaqu jiġbru minn dak li kienu sellfu lil ħuh. Jgħid li għalhekk l-art li kien hemm kienet inqasmet f'seba porzjonijiet iżda hu xorta ħa porzjon wieħed bħal ħutu fejn bena daru *"Australia House"* b'dan li għal sehem ħuh kien ingħata somma flus.

Jiddikjara li għalhekk mhuwiex minnu li martu għandha sehem mid-dar tiegħu. Jerġa jgħid li daru nbniet fuq art li messet lilu bil-wirt ta' missieru mentri mingħand ħuh hu u l-attriċi thallsu b'martu ħadet mhux in-nofs tagħha iżda dak kollu li nġabar fir-rigward.

Jiddikjara li l-oġġetti li l-attriċi ssemmi fl-affidavit tagħha hemm minnhom li diġa ħadithom hi u oħrajn li kien ħa hu li llum spiċċaw u m'għadhomx jeżistu nkluż id-dgħajsa li kienet tkissret.

**In kontro-eżami**, xehed[28] li dwar id-dikjarazzjoni tiegħu li martu kellha tieħu li kien hemm l-Awstralja u huwa jżomm dak li kien hemm Għawdex jgħid li kuntratti m'għamilx.

Iżid li huwa lil martu qalilha biss tħallielu l-post ta' Għawdex u hi tieħu l-flus.

Jaqbel li huwa akkwista s-sehem mil-wirt ta' missieru spettanti lil ħuh Toni. Iżid li hu kien silef xi flus lil Toni. Jgħid li ma' ħuh Toni sar kuntratt għand nutar in-Nadur. Jgħid li ma' jafx jekk dan kienx kuntratt ta' kompravendita'.

Mistoqsi dwar il-kuntratt ta' qasma li huwa għamel ma' ħutu jgħid li huwa silef xi flus lil ħuh Toni u għalhekk Toni tah semehu mill-wirt kollu ta' missierhom.

Mistqosi jekk fil-qasma ma' ħutu ħax sehemu kif ukoll sehem ħuh Toni jgħid li ma' jiftakarx. Iżid li jaf li hu tiegħu ħadu żgur. Iżid li s-sehem li ħuh Toni ta lilu huwa xtrah tul iż-żwieġ tiegħu mal-attriċi.

Jgħid li b'sehemu u sehem ħuh Toni huwa ħa l-art li fuqha bnew id-dar *"Australia House"*.

Jgħid li d-dar għadha tiegħu u huwa għadu jgħix ġo fiha.

**In re-eżami**, xehed[29] li huwa qasam ma' ħutu. Iżid li sehemu fil-qasma kien wirt ta' missieru. Iżid li dak li nqasam bejn l-aħwa kien kollu ġej mill-wirt.

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

[28] Traskrizzjoni a fol 236 sa 245.
[29] Traskrizzjoni a fol 245 u 246.

B'din il-kawża l-attriċi talbet, *inter alia*, il-likwidazzjoni u diviżjoni tal-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti f'Malta bejnha u bejn l-eks raġel tagħha, il-konvenut.

Il-konvenut irrisponda għal tali talba billi għamel varji eċċezzjonijiet inkluż li t-talba għax-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ma' tistax issir qabel ma' id-divorzju ottjenut mill-attriċi jiġi reġistrat skont il-proċedura nostrana u li, f'kull każ; m'hemm xejn x'jiġi likwidat u x'jinqasam bejn il-kontendenti stante li l-attriċi ħadet kull ma' kellha tieħu bħala sehemha.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi din hija deċiżjoni parzjali limitata għal jekk id-dar li kienet dik matrimonjali tal-partijiet, ossia, dik magħrufa bl-isem *"Australia House"*, Triq ta' Cordina, Għajnsielem, Għawdex, għandhiex fil-fatt titqies bħala formanti parti mill-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk tal-assi potenzjalment in diviżjoni bejn il-partijiet kontendenti.

Dwar dan, l-attriċi tixhed li tali dar għandha tifforma parti mill-assi tal-komunjoni in diviżjoni u dan stante li hi u l-konvenut, waqt iż-żwieġ tagħhom, kienu silfu xi flus lil ħu l-konvenut – Toni Buttigieg – li, meta ma' setgħax iħallas l-ammont intier lura, iffirmalhom sehemu mil-wirt shih ta' missieru, inkluż porzjon art li fuqha nbnit id-dar in mertu.

L-attriċi żżid tgħid ukoll li tul iż-żwieġ tagħha mal-konvenut, huma – hi u l-konvenut – żviluppaw tali dar oltre billi bnew appartament ta' żewġ sulari fuqha.

Bint il-partijiet kontendenti, Paula Buttigieg, tikkonferma din il-verżjoni fl-affidavit tagħha[30] u, in kontro-eżami, Iżżid tgħid li sa fejn tiftakar hi, fuq l-art fejn inbniet id-dar tal-ġenituri tagħha kien diġa hemm xi bini meta żviluppaw oltre l-ġenituri tagħha.

Il-konvenut, fl-affidavit tiegħu[31] jisħaq li l-attriċi m'għandha xejn x'taqsam ma' tali dar. Dan minkejja li in kontro-eżami jammetti li huwa akkwista s-sehem mill-wirt sħiħ ta' missieru spettanti lil ħuh Toni

[30] Affidavit a fol 105 *et seq.*
[31] Affidavit a fol 149.

Buttigieg tul iż-żwieġ tiegħu mal-attriċi.[32] Jammetti wkoll li fuq l-art li messietu bid-diviżjoni ma' ħutu fejn lilu messu kemm sehemu kif ukoll sehem ħuh li akkwista waqt iż-żwieġ ma' l-attriċi, huma – hu u l-attriċi – bnew id-dar li kienet dik matrimonjali.[33]

Mill-kuntratt ta' bejgħ datat il-11 ta' Ġunju, 1975 in atti Nutar Giuseppe Cauchi,[34] li għandha a dispożizzjoni tagħha din il-Qorti dwar il-proprjeta' in mertu jirriżulta li fl-1975 il-konvenut akkwista mingħand ħuh Toni Buttigieg, is-segwenti proprjeta':

> *Minn nahha l-waħda Toni Buttigieg, haddiem, bin il-mejtin Mikieli Buttigieg u Pupulja nee' Costa, twieled u joqgħod Għajnsielem, Għawdex.*
>
> *U minn nahha l-ohra Karmnu Buttigieg, sajjied, bin il-mejtin Mikieli Buttigieg u Pupulja nee' Costa, twieled u joqod Għajnsielem, Għawdex. […]*
>
> *U permezz ta' dana l-att il-komparenti Toni Buttigieg qiegħed ibiegħ u jittrasferixxi kif effettivament ibiegħ u jittrasferixxi mid-data ta' dana l-att 'il quddiem lill-komparenti l-ieħor Karmnu Buttigieg illi hekk jaccetta, jakkwista, u jixtri minn għandu venditur:- is-sehem indivis ta' minn kull tnax il-parti – parti ndiviza jew ahjar tad-drittijiet kollha lilu venditur spettanti minn dawna l-immobbli li ġejjin:*
>
> *a) Mill-bicca raba' f'Għajnsielem, Għawdex, fil-kuntrada "Ta' Pixwa", ta' xi tomnejn u nofs tmiss tramuntana ma' beni tal-werrieta ta' Loreta Gauci, punent ma' beni tal-eredi ta' Giusepp Buttigieg, lvant ma' beni tal-eredi ta' Loreta Gauci u nofsinhar ma' Triq Cordina, soggetta għac-cens temporanju ta' xi tmintax l-xelin* […]
>
> *b)* […]
>
> *Dana l-bejgħ qiegħed isir bil-prezz bejn il-partijiet ikkonvenut ta' mitejn u hamsin Lira Maltija (Lm250) għaz-żewġ drittijiet minn immobbli illi l-kompratur hallas hawn prezenzjalment u l-venditur jaccetta, jircievi, u jhalli tal-istess somma debita ricevuta għaf-favur tal-pagament […]*

---

[32] Ref.: l-ewwel ftit linji fil-pagna tat-traskrizzjoni a fol 242.
[33] Ref.: l-ahhar ftit linji fil-pagna tat-traskrizzjoni a fol 242.
[34] Kopja awtentikata a fol 261 sa 263.

Ma' jirriżultax ekkwivoku li l-art li tmiss ma Triq Cordina hija dik fejn tinsab id-dar in mertu.

Dwar jekk tali akkwist tal-art fuq liema nbniet id-dar in mertu sarx fiż-żwieġ o meno, għalkemm din il-Qorti hija sprovvista minn ċertifikat taż-żwieġ, jirriżulta nkontestat li l-partijiet żżewġu l-Awstralja nhar l-10 ta' Ottubru, 1970.

Dan tgħidu l-attriċi sa' mill-istadju bikri tar-rikors ġuramentat tagħha[35] u terġa tikkonfermah fl-affidavit tagħha.[36]

Bint il-partijiet, Paula Buttigieg, ukoll tikkonferma d-data taż-żwieġ tal-ġenituri tagħha fl-affidavit tagħha[37] fejn tgħid ukoll li hija twieldet fis-27 ta' Ġunju, 1971.

Il-konvenut, minkejja li ma' jispeċifikax id-data taż-żwieġ tiegħu mal-attriċi fir-risposta ġuramentata jew fl-affidavit tiegħu,[38] ma' joġġezzjonax dwar il-korrettezza ta' din id-data u dan anqas fi proċeduri ta' appell u ritrattazzjoni li huma parti integrali min dawn il-proċeduri kif delinjat fil-parti preliminari, sezzjoni "A", ta' din id-deċiżjoni.

Il-Qorti hija sprovvista wkoll minn dokument uffiċjali li jixhed dwar is-separazzjoni jew divorzju ottjenut mill-partijiet.

B'dan li l-attriċi tinsisti, kemm fir-rikors ġuramentat tagħha[39] kif ukoll fl-affidavit tagħha[40] li hi u l-konvenut sseparaw fl-1 ta' Jannar, 1988 bid-divorzju ġie dikjarat bejniethom, partijiet kontendenti, mill-Qorti Awstraljana nhar l-20 ta' Ottubru, 1989.

Bint il-partijiet kontedenti, Paula Buttigieg tikkonferma danw id-data[41] mentri għal darb'ohra l-konvenut jibqa sieket dwar l-istess għajr f'li jgħid li huwa ssepara minn ma' martu u reġgħa żżewweġ. B'dan iżda li bl-istess mod li qatt ma' joġġezzjona dwar il-korrettezza tad-data taż-żwieġ anqas joġġezzjona dwar dawk tas-separazzjoni u d-divorzju.

---

[35] Ref.: l-ewwel premessa tar-rikors ġuramentat a fol 1.
[36] Ref.: tmien paragrafu tal-affidavit tagħha a fol 99.
[37] Ref. it-tielet paragrafu tal-affidavit tagħha a fol 105.
[38] Ref. risposta ġuramentata a fol 10 *et seq*, affidavit a fol 149.
[39] Ref.: raba' premessa tar-rikors ġuramentat a fol 2.
[40] Ref.: it-tmien u d-disa' paragrafi tal-affidavit tagħha a fol 99.
[41] Ref.: tielet paragrafu tal-affidavit tagħha a fol 105.

Dan apparti l-fatt li kif diġa osservat, fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami jammetti li huwa akkwista sehem ħuh mil-wirt ta' missieru waqt iż-żwieġ tiegħu mal-attriċi mentri fl-affidavit tiegħu jelabora li fuq il-porzjon art bena d-dar in mertu, minkejja li jżid jgħid ukoll li ġabar xi ħlas li ħadet martu in sodisfazzjon ta' sehemha mis-self li kienu għamlu lil ħuh.

Is-sehem ta' ħu l-konvenut – Toni Buttigieg – inxtara mill-konvenut fil-11 ta' Ġunju, 1975 u dan kif jirriżulta mill-att suċċitata tal-istess data, in atti Nutar Giuseppe Cauchi.[42]

Tali data taqa prettament bejn dik taz-żwieġ – l-10 ta' Ottubru, 1970 – u dawk tas-separazzjoni – 1 ta' Jannar, 1988 – u tad-divorzju - l-20 ta' Ottubru, 1989 - bejn il-partijiet.

Huwa għalhekk li m'hemmx dubbju li l-akkwist tal-art mill-konvenut mingħand ħuh li fuqha nbniet id-dar in mertu jew xi parti minnha seħħ tul il-persistenza taż-żwieġ bejn il-kontendenti.

Oltre għal dan, bil-kuntratt ta' diviżjoni tat-12 ta' Marzu, 1979 in atti Nutar Giuseppe Cauchi – li ġie finalment preżentat mill-konvenut b'nota tat-18 ta' Ġunju, 2024[43] wara żewġ ordnijiet li ngħataw għal dan il-għan min din il-Qorti l-ewwel bid-digriet tat-28 ta' Frar, 2024[44] u aktar tard b'dak tas-27 ta' Ġunju, 2024;[45] lill-konvenut Carmel Buttigieg messitu fil-fatt *parti separata mill-immobbli "Ta' Pixwa" deskritt fin-numru tlieta ta xi mitejn u erbgħa u sittin metru kwadru, u tmiss nofsinhar ma' Triq Cordina, punent ma' beni assenjati lill-kondividenti Giuseppe Buttigieg, u lvant ma' beni assenjati lill-kondividenti Anglu Buttigieg, soggetta għal-seba' centezmi kwota tagħha ta' cens temporanju fis-sena*.[46]

In-numru tlieta fl-istess kuntratt fil-fatt jitkellem dwar 3. *Bicca raba' fil-kuntrada "Ta' Triq Cordina", magħrufa "Ta' Pixwa" ta' xi tomnejn u nofs u tmiss lvant in parti ma' beni tal-werrieta ta' Anglu Buttigieg u in parti ma' beni ta' Palwu Grima, nofsinhar in parti ma' Triq Cordina u in parti ma' beni tal-werrieta ta' Giusepp Buttigieg, u punent in parti ma' beni tal-werritea ta' Giusepp Buttigieg, in parti ma' beni tal-werrieta ta' Francesco Buġeja, u in parti*

[42] Kopja awtentikata a fol 261 *et seq*.
[43] Nota a fol 311. Kuntratt a fol 312 sa 326.
[44] Digriet a fol 301 sa 303.
[45] Digriet a fol 307.
[46] Klawsola a fol 320.

*ma' beni tal-werrieta ta' Angiolina Xuereb, soggetta għal tnejn u hamsin centezmu u hames millezimi cens temporanju fis-sena.*[47]

L-istess kuntratt ta' diviżjoni jgħid ukoll li *jigi spjegat* [...] *illi verament il-kondividenti* – fil-kuntratt inniffsu elenkati bħala total ta' hdax – *għandhom huhom ieħor imma dan ma' jiehux parti f'dana l-att billi biegħ sehemhu lill-huh. Dak li biegħ jismu Toni Buttigieg u xtara mingħandu l-kondividenti Karmnu Buttigieg u għalhekk dan għandu żewġ t'ishma. Il-bejgħ sar għand in-Nutar sottoskritt fil-hdax ta' Ġunju elf disgħa mija u hamsa u sebgħin.*[48]

Dana jikkumbaċja ma' dak li xehed il-konvenut billi minn hawn jirriżulta li l-konvenut akkwista biss art permezz tad-diviżjoni – oltre għall-ħlas ta' ekwiparazzjoni – li għamel ma' ħutu fuq liema art, kif jixhed hu stess, bena d-dar *"Australia House"*. B'dan li iżda mhux ċar jekk xi sehem minn dik l-art kienx diġa' xtrah mingħand ħuh Toni Buttigieg bil-kuntratt diġa' iċċitat hawn aktar 'il fuq tal-11 ta' Ġunju, 1975 in atti wkoll Nutar Giuseppe Cauchi[49] billi sehem ħuh Toni qatt ma' ġie fil-fatt identifikat bħala sehem proprju fid-diviżjoni. Ħuh Toni kien fil-fatt sempliċiment eskluż mid-diviżjoni abbażi tal-bejgħ li kien sar qabel minnu favur il-konvenut.

Minkejja dan, anke d-data li fih sar dan l-att ta' diviżjoni taqa prettament bejn dik taż-żwieġ – l-10 ta' Ottubru, 1970 – u dawk tas-separazzjoni – 1 ta' Jannar, 1988 – u tad-divorzju - l-20 ta' Ottubru, 1989 - bejn il-partijiet.

Jingħad ukoll li m'hemm xejn fil-kuntratt ta' xiri tal-11 ta' Ġunju, 1975 u dak ta' diviżjoni tat-12 ta' Marzu, 1979, it-tnejn in atti Nutar Giuseppe Cauchi, illi jindika li fil-fatt il-partijiet hawn kontendenti silfu xi flus lil ħu l-konvenut Toni Buttigieg kif jgħidu li għamlu.

Anqas ma' hemm xejn li jindika, kif jallega l-konvenut, li sehem ħuh Toni ttiehed f'kontanti.

L-ewwel kuntratt – tal-1975 – fil-fatt huwa wieħed sempliċi ta' bejgħ fejn addirittura l-partijiet li deheru fuqu – l-aħwa Toni Buttigieg u Karmnu Buttigieg – iddikjaraw li *l-bejgħ qiegħed isir bil-prezz bejn il-partijiet ikkonvenut ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) għaz-żewġ drittijiet minn*

[47] Klawsola a fol 315.
[48] Klawsola a fol 316.
[49] Kopja a fol 261 sa 263.

*immobbli illi l-kompratur hallas hawn prezenzjalment li l-venditur jaccetta, jircievi u jhalli tal-istess somma debita ricevuta*[50] mentri t-tieni – tal-1979 – jispeċifika li minn tnax-il aħwa Toni Buttigieg ġie eskluż mill-att stante li biegħ sehemu lil Karmnu Buttigieg – kif hawn aktar 'il fuq turi biċ-ċar iċ-ċitazzjoni meħudha minn tali kuntratt – u, jkompli sabiex jgħid li: *l-immobbli fuq deskritt ġew divizi f'seba' porzjonijiet billi erba' mill-kondividenti sejrin jiehdu sehemhom fi flus kontanti*.

Tali erbgħa kondividenti kienu fil-fatt l-aħwa l-oħra tal-konvenut Rosina Debrincat li ħadet biss flus kif jirriżulta mit-tmien porzjon tal-att tal-1979,[51] Angiolina Pace li wkoll ħadet biss flus grazzi għad-disgħa porzjon tal-istess att,[52] Michelina Vella li wkoll ħadet biss flus grazzi għal għaxar porzjon tal-istess att,[53] u Maria Haber li wkoll ħadet biss flus ai termini tal-ħdax il-porzjon tal-istess att.[54]

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Magħmula il-kunsiderazzjonijiet hawn aktar 'il fuq, u minkejja l-istess, m'huwiex suffiċjenti li l-proprjeta' ossia dar in mertu ġiet kostruita waqt u fuq art akkwistata tul il-persistenza taż-żwieġ bejn il-kontendenti.

Kif tajjeb josserva l-konvenut fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tiegħu fejn jiċċita l-Artikolu 1316 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, Liġijiet ta' Malta,[55] il-**preżunzjoni** tal-komunjoni tal-akkwisti trid qabel xejn li jew iż-żwieġ ikun ġie ċċelebrat f'Malta jew, jekk le, li jkun ċelebrat bejn persuni li wara *jigu joqogħdu Malta*.

L-attriċi stess fl-affidavit tagħha tgħid li hi u l-konvenut żżewġu l-Awstralja u, addirittura, bejniethom ġie ottjenut divorzju wkoll fl-Awstralja.[56]

Dan m'huwiex ikkontestat mill-konvenut li, iżda, fin-nota tal-osservazzjonijiet finali tiegħu Iżid li l-attriċi naqset milli tressaq provi

---

[50] Ref. klawsola fil-fol 262.
[51] Ref. pagna tal-istess att li tinsab a fol 321.
[52] Ref. pagna tal-istess att li tinsab a fol 322.
[53] Ref. pagna tal-istess att li tinsab a fol 322.
[54] Ref. pagna tal-istess att li tinsab a fol 322 u 323.
[55] **1316**. *(1) Iż-żwieġ li jsir f'Malta iġib ipso jure bejn il-miżżewġin, il-komunjoni tal-akkwisti, meta ma jkunx hemm ftehim xort'oħra b'att pubbliku. (2) Iż-żwieġ li jsir barra minn Malta min-nies li, wara jiġu joqogħdu f'Malta, iġib ukoll bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti, għal dawk il-beni li huma jakkwistaw wara li jaslu f'Malta.*
[56] Ref.: disa' pargarafu tal-affidavit a fol 99.

necessarji dwar id-domicilju kif ukoll dwar il-gudizzju ta' divorzju li tgħid li ġie ottjenut fl-Awstralja u r-reġistrazzjoni ta' l-istess ġewwa Malta sabiex l-istess jista jkollu effetti f'Malta.

Hawnhekk il-konvenut jiċċita diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati nostrani dwar dan il-mertu nkluż dawk fl-ismijiet ***Joseph Abela vs Nutar Vincenzo Maria Pellegrini noe***, Prim'Awla, 30 ta' Ottubru, 1971, ***Maurice Portelli et noe vs PL Robert Dingli noe et***, Prim'Awla, 26 ta' Frar, 1969, kif ukoll ***Rita Charker vs Charles Brincat***, Prim'Awla, 30 ta' Ottubru, 1952 fejn, f'din tal-aħħar iżda wkoll fl-oħrajn fuq l-istess vena, ġie ritenut:

> *Illi d-dispozizzjoni kontenuta fl-art. 1360 [1316] Kodici Civili, kif kostantement interpretata, hija applikabbli biss fil-każ ta' żwieġ li jkun sar f'dawn il-Gzejjer bejn Maltin, u fil-każ ta' żwieġ anki bejn persuni mhux Maltin, li pero` jkunu domiciljati f'dawn il-Gzejjer (Kollez. XXIX-II-942); bil-konsegwenza li f'kull każ ieħor il-prezunzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti kontemplata fl-artikolu fuq citat ma titwieledx 'ipso jure', iżda, biex ikun hemm din il-komunjoni, jehtieg li jkun hemm stipulazzjoni espressa.*[57]

Huwa għalhekk ċar li l-kliem fl-Artikolu 1316 li jsegwi "*Iż-żwieġ li jsir barra minn Malta min-nies li, wara jiġu joqogħdu f'Malta*" ġie nterpretat bħala "domicilju" u mhux sempliċiment bħala li koppja titrasferixxi ruħha f'Malta, anke bl-ulied.

Rilevanti hawnhekk hija d-deċiżjoni mogħtija mil-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' April, 1988 fl-ismijiet ***Lucia sive Lucy Mamo vs Anthony sive Tony Mamo et*** fejn ġie ritenut li:

> *Il-kambjament fid-domicilju* ***jiddependi mill-konkors taż-żewġ elementi ta' factum et animus, cjoe mill-fatt li wieħed jistabilixxi ruhu f'pajjiz divers minn dak ta' origini tiegħu, kombinat ma' l-intenzjoni li jistabilixxi ruhu hemm****.*
>
> *Il-presunzjoni hija favur il-kontinwazzjoni tad-domicilju ta' origini u* ***l-onus probandi a rigward ta' tibdil ta' dan id-domicilju jaqa' fuq min jallega t-tibdil*** *(Cheshire's Private International Law).*

---

[57] Ref.: ukoll, id-deċiżjoni mogħtija aktar recentement mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-30 ta' Novembru, 2005 fl-ismijiet ***C vs Dr. Peter Caruana Galizia noe***.

***Ir-residenza hi biss element wieħed tad-domicilju in kwantu li jrid ikun hemm l-element l-ieħor, dak ta' l-intenzjoni*** *– l-animus – li wieħed jirrisjedi permanentement għal zmien illimitat f'pajjiz partikolari.*

[Enfażi ta' din il-Qorti]

Fil-każ in eżami, kien għall-attriċi li tipprova li d-domiċiju tagħha kien fil-fatt hawn f'Malta wara li hi u l-konvenut iżżewġu wkoll fl-Awstralja skont kif tixhed hi stess.

Mill-provi prodotti din il-Qorti ma' tistax tikkonkludi li tali prova l-attriċi rnexxila tagħmilha u dan partikolarment meta wieħed jikkunsidra x-xhieda mogħtija minn bint il-partijiet Paula Buttigieg in kontro-eżami[58] fejn tispjega kemm ir-residenza tal-familja tagħha f'Malta kienet waħda sporadika. L-istess Paula Buttigieg tispjega fil-fatt li s-snin meta hija għexet mal-ġenituri tagħha f'Għawdex kienu l-1974 sa l-1975/76 u l-1983 sa l-1985. Iżżid li wara l-1985 reġgħu marru lura l-Awstralja fejn baqgħu sakemm missiera waħdu niżel Għawdex wara s-separazzjoni tiegħu minn ma' ommha. Iżżid li għalhekk aktar għexu l-Awstralja milli Għawdex.

L-attriċi anqas biss taqqlet lilha nfisha bir-responsabbilita' li tipprova li f'xi waqt kellha domiċilju f'Malta b'dan li din il-Qorti anqas tista tażżarda tittenta tapplika is-subartikolu (2) tal-Artikolu 1316 li jrid addirittura li fejn persuni li jiżżewġu barra minn Malta jiġi joqogħdu f'Malta sseħħ bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti, sakemm ma' jsirx arranġament mod ieħor, iżda biss *għal dawk il-beni li huma jakkwistaw wara li jaslu f'Malta.*

Infatti, jirriżulta, u dan partikolarment mix-xhieda ta' bint il-partijiet Paula Buttigieg mogħtija in kontro-eżami, li anke waqt li kienet qiegħda tinbena d-dar in mertu, il-partijiet kienu qed jiffinanzjaw l-istess bini biċ-*childrens allowance* li kienu jirċievu mill-Awstralja.

B'dan allura juri li l-intenzjoni tal-attriċi kienet wisq probabbli mod ieħor u jekk mhux hekk, kellha tkun l-attriċi li tipprova xort'oħra.

[58] Traskrizzjoni a fol 266 *et seq.*

Dment li l-partijiet kontendenti ma′ żżewġux f′Malta u ma′ nġiebet ebda prova li d-domiċilju tagħhom kien inbidel għal Malta, ma′ jistgħux jiġu applikati l-proviżżjonijiet tal-Artikoli 1320 u 1321 tal-Kap. 16, Liġijiet ta′ Malta.

Anqas jista jiġi meqjus li jekk ma′ tikkonfigurax l-eżistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, għalmenu l-partijiet kontendenti setgħu kienu komproprjetarji normali. U dan stante n-nuqqas tal-firma tal-attriċi fuq l-att li bih il-konvenut akkwista l-art li fuqha nbniet id-dar in mertu mingħand ħuh.

Huwa minnu li l-attriċi tiskuża n-nuqqas tal-firma tagħha fuq tali kuntratt u l-fatt li l-istess sar biss bejn il-konvenut u ħuh Toni Buttigieg billi tgħid li dakinhar li ġie ppublikat tali kuntratt hija ma′ attendietx għand in-nutar għaliex kienet bit-tfal, raġuni li ssostni kemm fl-affidavit tagħha kif ukoll in kontro-eżami.

B′dan iżda li xejn ma′ kien iżomm lill-attriċi f′li tagħti mandat lil żewġha, anke verbalment, sabiex jidher ukoll f′isimha.

L-attriċi żvestiet ruħha milli tipproduċi kwalunkwe′ prova dwar dan. F′kull każ, l-eżistenza ta′ mandat, kieku dan tassew eżista, kienet, skont il-prattika tajba, titnissel fl-att inniffsu.

Oltre dan, hemm ukoll il-kwistjoni li mhux talli ma′ tressqet ebda prova indipendenti dwar id-divorzju proprju li l-attriċi tgħid li ġie ottjenut bejnithom il-partijiet kontendenti mill-Qorti Awstraljana, iżda talli ma′ nġiebet ebda prova għall-iskrutinju ta′ din il-Qorti dwar ir-reġistrazzjoni ta′ l-istess divorzju kif inhu rikjest ai termini tal-Att taż-Żwieġ, Kap. 255, Ligijiet ta′ Malta sabiex l-istess ikollu effett f′dawn il-gżejjer.[59]

**Deċide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti taqta′ u tiddeċiedi li stante nuqqas ta′ provi

[59] Ref.: Art. 33, Att taz-Żwieġ, Kap. 255, Ligijiet ta′ Malta: **33.** *Mingħajr preġudizzju għat-twettiq ta′ kull regolament li jkun japplika bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, deċiżjoni ta′ qorti barranija jew deċiżjoni jew att ieħor uffiċjali li jkollu l-istess effett ta′ awtorità kompetenti barranija dwar l-istat ta′ persuna miżżewġa jew li tolqot dak l-istat għandha tkun rikonoxxuta għall-finijiet kollha ta′ liġi f′Malta jekk id-deċiżjoni tingħata jew l-att ieħor uffiċjali jinħareġ minn qorti jew awtorità kompetenti tal-pajjiż li fih xi waħda mill-partijiet fil-proċedimenti tkun domiċiljata jew li tiegħu xi waħda minn dawk il-partijiet tkun ċittadin.*

opportuni ma' tistax tqies li bejn il-partijiet kontendenti kienet tapplika l-komunjoni tal-akkwisti u allura, l-anqas tista tikkonkludi li d-dar *"Australia House"*, Triq ta' Cordina, Għajnsielem, Għawdex għandha titqies bħala suġġetta għar-regoli rigward il-komunjoni tal-akkwisti.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur